Nru. 18,027
Prezz 96c
Price 96c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 30 ta' Jannar, 2007
Tuesday, 30th January, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 87

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,025 tas-26 ta' Jannar, 2007.

A.L. Nru. 12 ta' l-2007: Att dwar l-Enemalta (Kap. 272); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista ta' l-Elettriku.

A.L. Nru. 13 ta' l-2007: *Civil Aviation Act (Cap. 232); Civil Aviation (Denied Boarding Compensation and Assistance to Passengers) (Designation of Competent Authority) (Amendment) Regulations, 2007.*

It-30 ta' Jannar, 2007

Nru. 88

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar it-Tlieta, it-30 ta' Jannar, 2007, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

It-30 ta' Jannar, 2007
(OPM 31/2007)

GOVERNMENT NOTICES

No. 87

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 18,025 of the 26th January 2007.

L.N. No. 12 of 2007: Enemalta Act (Cap. 272); Electricity Supply (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 13 of 2007: Civil Aviation Act (Cap. 232); Civil Aviation (Denied Boarding Compensation and Assistance to Passengers) (Designation of Competent Authority) (Amendment) Regulations, 2007.

30th January, 2007

No. 88

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance on Tuesday, 30th January, 2007, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

30th January, 2007

Nru. 89

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Ħatra ta' *Panel* ta' Assessuri

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 107 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), u għall-fini ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approvat il-ħatra tal-*panels* ta' assessuri li jirrappreżentaw lill-prinċipali u lill-impjegati, kif ġej:

Panels ta' Assessuri li jirrapreżentaw lill-Prinċipali:

Is-Sur Lino D. Abela, L.P.
Dott. Charlotte Camilleri, LL.D.
Is-Sur Joseph Delia, B.A.(Hons.) Econ.
Is-Sur Joseph Farrugia

Panels ta' Assessuri li jirrapreżentaw lill-Impjegati:

Is-Sur Josef Bugeja
Ms Rebecca Gatt
Is-Sur Gejtu Mercieca
Is-Sur Anthony Micallef Debono
Is-Sur William Portelli
Is-Sur Gaetano Tanti

Din il-ħatra hi valida għal perjodu ta' sena b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2007.

It-23 ta' Jannar, 2007
DSS/175/66/Vol II

No. 89

SOCIAL SECURITY ACT
(CAP. 318)

Appointment of Panel of Assessors

It is herby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 107 of the Social Security Act (Cap. 318), and for the purpose of that Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has approved the appointment of the panels of assessors representing the employers and employees, as follows:

Panel of Assessors representing the Employers:

Mr Lino D. Abela, L.P.
Dr Charlotte Camilleri, LL.D.
Mr Joseph Delia, B.A.(Hons.) Econ.
Mr Joseph Farrugia

Panel of Assessors representing the Employees:

Mr Josef Bugeja
Ms Rebecca Gatt
Mr Gejtu Mercieca
Mr Anthony Micallef Debono
Mr William Portelli
Mr Gaetano Tanti

This appointment is valid for a period of one year with effect from the 1st January 2007.

23rd January, 2007

Nru. 90

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Ħatra ta' Membru tal-Kumitat dwar Għajnuna Soċjali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa mogħtija bl-artikolu 128 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u għall-fini ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali ħatret lil Ms Doreen Camilleri bħala membru tal-Kumitat dwar Għajnuna Soċjali għall-perjodu 23 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.

It-23 ta' Jannar, 2007
DSS/50/81

No. 90

SOCIAL SECURITY ACT
(CAP. 318)

Appointment of Member of the Social Assistance Board

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by section 128 of the Social Security Act, (Cap. 318), and for the purpose of that Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has appointed Ms Doreen Camilleri as a member of the Social Assistance Board for the period 23rd January 2007 to the 31st December 2007.

23rd January, 2007

Nru. 91

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Ħatra ta' Arbitru

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 107 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali ħatret l-Onor. Imħallef Dott. Franco Depasquale, LL.D., bħala Arbitru għall-finijiet ta' l-imsemmi perijodu ta' sena b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2007.

Ngħarrfu wkoll li l-ħatra ta' Dott. Edwina Grima, LL.D. bħala Arbitru hi b'din imħassra.

It-23 ta' Jannar, 2007
DSS/175/66/Vol II

No. 91

SOCIAL SECURITY ACT
(CAP. 318)

Appointment of Umpire

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 107 of the Social Security Act (Cap. 318), the Minister for the Family and Social Solidarity has appointed the Hon. Judge Dr Franco Depasquale, LL.D., as Umpire for the purposes of the said Act, for a period of one year with effect from 1st January 2007.

It is also notified that the appointment of Dr Edwina Grima, LL.D. as Umpire is hereby repealed.

23rd January, 2007

Nru. 92

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Ħatra ta' Kumitat għal *Welfare*

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għoġbu japprova illi l-Kumitat għal Welfare, maħtur skond Kapitolu 318, Taqsima 130 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċ-jali, ikun kostitwit kif ġej sal-31 ta' Diċembru 2007.

Chairperson
Is-Sur Frank Mifsud

Viċi Chairperson
Ms Gloria Mizzi

Membri
L-Onor. Frederick Azzopardi, M.P.
L-Onor. Marie Louise Coleiro, M.P.
Dott. Ronald Fiorentino, M.D., Dip. Ger., Cmang.
Dott. Frank Bartolo, M.D.
Is-Sur Michael Bezzina, B.A., B.Sc., M.Sc
Is-Sur Frank Micallef, D.P.A.
Dott. Stephanie Xuereb, M.Sc., M.D.

Is-26 ta' Jannar, 2007

No. 92

SOCIAL SECURITY ACT
(CAP. 318)

Appointment of Welfare Committee

IT is notified for general information that the Minister of Health, the Elderly and Community Care has been pleased to approve that the Welfare Committee, appointed in terms of Chapter 318, Section 130 of the Social Security Act, be constituted as follows up to 31st December 2007.

Chairperson
Mr Frank Mifsud

Deputy Chairperson
Ms Gloria Mizzi

Members
Hon. Frederick Azzopardi, M.P.
Hon. Marie Louise Coleiro, M.P.
Dr Ronald Fiorentino, M.D., Dip. Ger., Cmang.
Dr Frank Bartolo, M.D.
Mr Michael Bezzina, B.A., B.Sc., M.Sc
Mr Frank Micallef, D.P.A.
Dr Stephanie Xuereb, M.Sc., M.D.

26th January, 2007

Nru. 93

WARRANT MILL-VIĊI PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru tal-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Dipartiment Affarijiet taċ-Ċittadinanza u Nies Barranin
Is-Sinjura Anna Marika Cremona

Pulizija
Suprintendent Raymond G. Zammit
Spettur Anthony Agius
Ms Dorothy Attard WPC 153

Kamra tal-Prokuraturi Legali
Ms Melissa Anastasi B.A., L.P.
Ms Nicholette Aquilina Di Noto B.A., L.P.
Ms Josette Attard B.A.(Law), L.P.
Is-Sinjura Francesca Balzan B.A., L.P.
Ms Marie Claire Bartolo B.A., L.P.
Is-Sur Emanuel A Bianco B.A., L.P
Is-Sur Gerald Bonello B.A., L.P.
Ms Lucy Bonello B.A., L.P.
Is-Sur Adrian Borg B.A., L.P., M. Jur (European Law)
Is-Sur Victor J. Bugeja B.A., L.P.
Ms Liliana Buhagiar B.A., L.P.
Is-Sur Jean-Pierre Busuttil B.A., L.P. Dip. Trib. Eccl Melit.
Is-Sur Joseph Catania B.A., L.P.
Ms Joeline Pace Ciscaldi B.A., L.P.
Is-Sur Jonathan de Maria B.A., L.P.
Ms Joanna Dingli B.A., L.P.
Ms Hilda Ellul Mercer B.A., L.P.
Ms Nadine Farrugia B.A., L.P.
Is-Sinjura Maria Dolores Fenech B.A., L.P.
Ms Catherine Fenech L.P.
Ms Madeleine Firman B.A., L.P.
Ms Mary Galea Debono B.A., L.P.
Is-Sur Joseph Gatt L.P.
Ms Rowena Grima B.A., L.P.
Ms Sacha Guillaumier B.A., L.P.,
Ms Carmen Hili B.A., L.P.
Ms Vanessa Magro B.A., L.P
Ms Antoinette Micallef B.A., L.P.
Ms Vera Lungaro Mifsud B.A., L.P.
Is-Sinjura Pauline-Anne Mallia B.A., L.P.
Is-Sur Mario Mifsud Bonnici L.P.
Ms Sandra Mifsud Bonnici B.Pharm, B.A., L.P.
Ms Sarah Miller B.A., L.P.

No. 93

WARRANT BY THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, andċor for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Citizenship and Expatriate Affairs
Mrs Anna Marika Cremona

Police
Superintendent Raymond G. Zammit
Inspector Anthony Agius
Ms Dorothy Attard WPC 153

Chamber of Legal Procurators
Ms Melissa Anastasi B.A., L.P.
Ms Nicholette Aquilina Di Noto B.A., L.P.
Ms Josette Attard B.A.(Law), L.P.
Mrs Francesca Balzan B.A., L.P.
Ms Marie Claire Bartolo B.A., L.P.
Mr Emanuel A Bianco B.A., L.P
Mr Gerald Bonello B.A., L.P.
Ms Lucy Bonello B.A., L.P.
Mr Adrian Borg B.A., L.P., M. Jur (European Law)
Mr Victor J. Bugeja B.A., L.P.
Ms Liliana Buhagiar B.A., L.P.
Mr Jean-Pierre Busuttil B.A., L.P. Dip. Trib. Eccl Melit.
Mr Joseph Catania B.A., L.P.
Ms Joeline Pace Ciscaldi B.A., L.P.
Mr Jonathan de Maria B.A., L.P.
Ms Joanna Dingli B.A., L.P.
Ms Hilda Ellul Mercer B.A., L.P.
Ms Nadine Farrugia B.A., L.P.
Mrs Maria Dolores Fenech B.A., L.P.
Ms Catherine Fenech L.P.
Ms Madeleine Firman B.A., L.P.
Ms Mary Galea Debono B.A., L.P.
Mr Joseph Gatt L.P.
Ms Rowena Grima B.A., L.P.
Ms Sacha Guillaumier B.A., L.P.,
Ms Carmen Hili B.A., L.P.
Ms Vanessa Magro B.A., L.P
Ms Antoinette Micallef B.A., L.P.
Ms Vera Lungaro Mifsud B.A., L.P.
Mrs Pauline-Anne Mallia B.A., L.P.
Mr Mario Mifsud Bonnici L.P.
Ms Sandra Mifsud Bonnici B.Pharm, B.A., L.P.
Ms Sarah Miller B.A., L.P.

Ms Sharon Mizzi B.A., L.P.
Is-Sur Edgar Montanaro L.P.
Is-Sur Gordon Pisani B.A., L.P.
Ms Denise Portelli B.A., L.P.
Is-Sinjura Veronica Rossignaud L.P.
Il-Kav. Paul Saliba KSS, L.P.
Is-Sur Peter Paul Sammut B.A., L.P.
Ms Francesca Scerri L.P.
Is-Sur Noel Scerri B.A., L.P.
Ms Juliana Scerri Ferrante B.A.(Law), L.P., M. Jur (Int Law).
Is-Sur Alan Scicluna B.A., L.P.
Is-Sur Anthony Stellini B.A., L.P.
Ms Davina Sullivan B.A., L.P.
Is-Sur Quentin Tanti B.A., L.P.
Ms Heidi Testa B.A., L.P.
Ms Louisa Tufigno B.A., L.P.
Is-Sinjura Helen Valenzia L.P.
Ms Alison Wadge B.A., L.P. M.Jur.
Is-Sur Joseph Zammit L.P.
Ms Christina Zarb Adami B.A., L.P.,
Ms Caroline Zerafa B.A., L.P.

B'awtorità
TONIO BORG
Viċi Prim Ministru u
Ministru tal-Ġustizzja
u l-Intern

It-30 ta' Jannar, 2007
(MJHA/144/2003/V)

Ms Sharon Mizzi B.A., L.P.
Mr Edgar Montanaro L.P.
Mr Gordon Pisani B.A., L.P.
Ms Denise Portelli B.A., L.P.
Mrs Veronica Rossignaud L.P.
Chev Paul Saliba KSS, L.P.
Mr Peter Paul Sammut B.A., L.P.
Ms Francesca Scerri L.P.
Mr Noel Scerri B.A., L.P.
Ms Juliana Scerri Ferrante B.A.(Law), L.P., M. Jur (Int Law).
Mr Alan Scicluna B.A., L.P.
Mr Anthony Stellini B.A., L.P.
Ms Davina Sullivan B.A., L.P.
Mr Quentin Tanti B.A., L.P.
Ms Heidi Testa B.A., L.P.
Ms Louisa Tufigno B.A., L.P.
Mrs Helen Valenzia L.P.
Ms Alison Wadge B.A., L.P. M.Jur.
Mr Joseph Zammit L.P.
Ms Christina Zarb Adami B.A., L.P.,
Ms Caroline Zerafa B.A., L.P.

By authority
TONIO BORG
Deputy Prime Minister
and Minister of Justice
and Home Affairs

30th January, 2007

Nru. 94

KUMITAT B'INTERESS FL-INDIKAZZJONIJIET U DENOMINAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI

SKOND ir-Regolamenti ta' l-Indikazzjonijiet u Denominazzjonijiet Ġeografiċi ta' l-2004, (AL 182/2004) b'riferenza partikolari għar-regolament numru 4 fl-imsemija Regolamenti, il-Kap tad-Direttorat, responsabbli mill-affarijiet ta' l-ikel fl-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*, waqqfet Kumitat magħmul minn dawn ir-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet pubbliċi u privati b'interess fl-indikazzjonijiet u denominazzjonijiet ġeografiċi.

Is-Sur Carmel Attard – Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent
Is-Sur David Dandria – Espert fl-Agrikoltura
Ing. Francis E. Farrugia - Awtorità Maltija dwar l-I*standards*
Ing. Francis Farrugia - Awtorità Maltija dwar l-I*standards*
Is-Sur Martin Seychell – Awtorità Maltija ta' l-Ippjanar u l-Ambjent

It-30 ta' Jannar, 2007

No. 94

COMMITTEE WITH AN INTEREST IN GEOGRAPHIC INDICATIONS AND DESIGNATIONS

IN terms of the Geographic Indications and Designations Regulations of 2004 (LN 182/2004) with particular reference to regulation 4 of said Regulations, the Head of Directorate responsible for foodstuffs within the Malta Standards Authority has appointed a Committee composed of the following representatives of public and private organisations with an interest in geographic indications and designations.

Mr Carmel Attard – Ministry for Rural Affairs and the Environment
Mr David Dandria – Agricultural expert
Ing. Francis E. Farrugia – Malta Standards Authority
Ing Francis Farrugia – Malta Standards Authority
Mr Martin Seychell – Malta Planning and Environment Authority

30th January, 2007

Nru. 95

ĦINIJIET TAL-FTUĦ TAR-REĠISTRU PUBBLIKU

BIS-SETGĦAT mogħtija lilu permezz ta' l-Artikolu 12 ta' l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, Kap. 56, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għandu l-pjaċir jgħarraf illi l-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ tar-Reġistru Pubbliku għall-preżentazzjoni ta' noti ta' reġistrazzjoni u skrizzjoni huma kif ġej:–

Mill-1 ta' Ottubru sal-15 ta'Ġunju:
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa
mit-8.00 a.m. sas-1.00 ta' wara nofsinhar.

Mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru:
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa
mis-7.30 a.m. sa nofsinhar

L-Avviż tal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 527 ta' l-1978 qed jiġi hawn imħassar.

It-30 ta' Jannar, 2007

No. 95

OPENING HOURS OF THE PUBLIC REGISTRY

AS enabled by Article 12 of the Public Registry Act, Cap. 56, the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs has been pleased to approve that the days and hours on which the Public Registry shall be open for the receipt of notes of registration and enrolment be as follows:–

From 1st October to 15 June:
Monday to Friday
from 8.00 a.m. to 1.00 p.m.

From 16th June to 30 September:
Monday to Friday
from 7.30 a.m. to 12.00 noon.

Government Gazette Notice No. 527 of the 1st October, 1978 is hereby repealed.

30th January, 2007

Nru. 96

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Dottor Keith Francis German, LL.D. bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Ġżejjer mill-21 ta' Jannar, 2007 sal-5 ta' Marzu, 2007.

Illum, 23 ta' Jannar, 2007.

PAUL X. SAMMUT, B.Psych., PGDPS, Hon. Dip. Litt.
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

No. 96

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CHAPTER 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

It is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr. Keith Francis German, LL.D. to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr. Vincent Miceli, LL.D. during the latter's absence from these Islands from the 21st January, 2007 till the 5th March, 2007.

Today, 23rd of January, 2007.

PAUL X. SAMMUT, B.Psych., PGDPS, Hon. Dip. Litt.
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 6 ta' l-2007

Tellieqa bil-Qlugħ Għawdex-Kemmunet

L-Imperial Gozo Yatch Club se jorganizza żewġ tlielaq *laser class*, mill-Imġarr-Għawdex għall-Kemmunett u lura u mix-Xatt l-Aħmar sa l-Imġarr ix-Xini u lura fl-10 ta' Frar 2007 bejn in-12.30 p.m. u l-5.00 p.m.

L-inġenji tal-baħar ta' l-ewwel tellieqa jitilqu mill-pożizzjoni A, madwar żewġ *cables* fuq il-Lvant 'l hinn mill-*breakwater* ta' Għawdex - l-Imġarr lejn Kemmunett fuq il-Punent tal-*cardinal light buoy* u jagħmlu dawra sħiħa madwar Kemmunett, u wara jiġbdu lura għal pożizzjoni minn fejn bdew kif hemm fiċ-*chart* li wieħed jista' jara fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta http://www.mma.gov.mt /notices_mariners.asp. It-tieni tellieqa tibda mill-pożizzjoni C 'hinn mix-Xatt l-Aħmar lejn pożizzjoni D 'l hinn mill-Imġarr ix-Xini u lura.

	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude (E)*
A	36°01'.52	14°18'.46
B	36°00'.93	14°18'.92
C	36°01'.03	14°17'.50
D	36°00'.86	14°16'.42

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara li jkunu jbaħħru qrib l-inħawi msemmija hawn fuq għandhom joqogħdu attenti għal dawk li jkunu jieħdu sehem fit-tellieqa u joqogħdu 'l bogħod minnhom meta jilmħuhom fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Chart affettwata BA 2537, 194.

It-30 ta' Jannar, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 6 of 2007

Sailing Race Gozo-Cominotto

The Imperial Gozo Yatch Club will be organising 2 laser class races, from Mġarr-Gozo to Cominotto and vice-versa and from ix-Xatt l-Aħmar to Mġarr ix-Xini and vice-versa on the 10th February 2007 between 12.30 p.m. and 5.00 p.m.

The craft of the first race will depart from position A, about 2 cables east off the Gozo-Mġarr breakwater towards the Cominotto west cardinal light buoy and make a full course around Cominotto, then head back to the starting position as per chart shown on the website of the Malta Maritime Authority http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp. The second race will depart from position C off ix-Xatt l-Aħmar towards position D off Mġarr ix-Xini and vice versa.

In view of the above, mariners navigating close to the above mentioned areas are to keep a sharp lookout for the race participants and to give a wide berth when they are sighted on the date and time mentioned above.

Chart affected BA 2537, 194.

30th January, 2007

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-INFRASTRUTTURA

Ingaġġ ta' *Casual Substitute Clerks* b'kuntratt definit

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, jilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' *Casual Substitute Clerks* b'kuntratt definit ta' bejn tliet xhur u sena, li jista' jiġġedded kif u fejn ikun meħtieġ. Kandidati magħżula jintbaghtu fejn meħtieġ, fid-diversi Dipartimenti tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura.

MINISTRY FOR RESOURCES AND INFRASTRUCTURE

Engagement of Casual Substitute Clerks on a definite contract

The Permanent Secretary, Ministry for Resources and Infrastructure, invites applications for the engagement of Casual Substitute Clerks on a definite contract for a minimum period of three months and a maximum of one year, renewable as and where necessary. The selected candidates will be deployed as necessary in the various Departments within the Ministry for Resources and Infrastructure.

2. Is-salarju ta' *Casual Substitute Clerk* ikun bir-rata ta' Lm4,133 fis-sena, jiġifieri, il-minimu ta' l-iskala tas-salarju tal-grad ta' *Clerk* (Skala 16).

3. Il-*Casual Substitute Clerk* jista' jaħdem fuq bażi *full-time* jew *part-time* għal għoxrin (20), ħamsa u għoxrin (25) jew tletin (30) siegħa fil-ġimgħa u jitħallas *pro-rata*. Jekk ma jkunx qed jaħdem fuq bażi *full-time*, ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet taċ-ċirkolari ta' l-MPO 50/1996 u l-Avviż Legali 61/1996 dwar *vacation leave* jew *sick leave* bi ħlas.

4. Il-*Casual Substitute Clerk* ikun qed jissostitwixxi impjegat li diġà qed jaħdem fuq bażi *full-time* u li jkun fuq *leave* twil bi ħlas jew bla ħlas u meta l-imsemmi uffiċjal pubbliku jerġa' jidħol lura għax-xogħol, il-*Casual Substitute Clerk* ikollu l-kuntratt tiegħu terminat.

5. Il-kuntratt jista' jiġi terminat mis-Segretarju Permanenti jew mill-*Casual Substitute Clerk* f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub xahar qabel jew billi titħallas is-somma ta' ġimgħatejn paga.

6. Il-*Casual Substitute Clerks* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

7. Applikanti għandhom:

(a) i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

ii) ikunu ċittadini ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE); jew

iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

2. The salary of a Casual Substitute Clerk will be at the rate of Lm4,133 per annum, that is, the minimum of the salary scale of the grade of a Clerk (Scale 16).

3. Casual Substitute Clerks may work on a full-time basis or on part-time basis of twenty (20), twenty-five (25) or thirty (30) hours per week and paid pro-rata. If not working full-time, the provisions of MPO Circular 50/1996 and Legal Notice 61/1996 regarding paid vacation or sick leave will apply.

4. The Casual Substitute Clerk will replace an already existing full-time employee on long paid or unpaid leave and when the said public officer returns to work, the Casual Substitute Clerk will have his/her contract terminated.

5. The contract may be terminated by the Permanent Secretary or by the Casual Substitute Clerk at any time on one month's notice in writing or on payment of two weeks' salary.

6. Casual Substitute Clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Government employees.

7. Applicants must:

(a) i) be citizens of Malta; or

ii) citizens of another European Union Member State; or

iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u Ingliża

(ċ) ma jkollhomx inqas minn 17-il sena. (L-applikanti jridu jippreżentaw ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa mir-Reġistru Pubbliku)

(d) i) ikollhom ħames *passes* fil-Livell Ordinarju, jew ekwivalenti, (minimu Grad Ċ; MATSEC 1-5) li għandhom jinkludu *passes* fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika;

JEW

ii) jipprovdu xhieda li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern fi grad ta' mhux inqas minn Skrivan.

(e) ikollhom *passes* fil-Moduli kollha (1 sa 7) ta' l-*ECDL*

(f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni).

8. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikola 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap.413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages

(c) be not less than seventeen (17) years of age. (Applicants should produce their birth certificate with that of their father. Both certificates are to be issued from the Public Registry)

(d) i) be in possession of five 'O' Level passes or equivalent (Minimum 'C' Grade; MATSEC 1-5), which must include passes in Maltese, English Language and Mathematics;

OR

ii) produce evidence that they held regular employment with the Malta Government not below the grade of clerk.

(e) be in possession of passes in all Modules (1-7) of the ECDL

(f) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within six months prior to the closing date of applications should be provided).

8.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate by the applicant the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates andċor testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

9.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabbililtà ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-*MQRIC* jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista' minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

10.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' Project House, il-Furjana.

10.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultati jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

10.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultati skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. L-ordni tal-meritu ma jibqax validu wara sena mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-intervista. Il-post vakanti u kull post vakanti ieħor li jkun hemm fid-dipartimenti tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura jimtlew skond l-ordni tal-mertu stabbilit mill-intervista msemmija f'(10) hawn fuq.

12. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinġabru mis-Sezzjoni għar-Riżorsi Umani, Direttorat *People Management and Support Services*, Blokk 'A', il-Furjana.

14. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, *People Management and Support Services*, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, Sezzjoni għar-Riżorsi Umani, Blokk 'A', il-Furjana, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa 2 ta' Frar 2007.

9.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2 The result of the interviews will be published by the Ministry for Resources and Infrastructure and exhibited on the notice-board of Project House, Floriana.

10.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette.

10.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. The validity of the order of merit obtained in the interview will expire after one year from the publication of the result. The vacant post and any subsequent vacancy arising in any department within the Ministry for Resources and Infrastructure will be filled in accordance with the final order of merit established after the interview referred to in (10) above.

12. Successful applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Human Resources Branch, People Management and Support Services Directorate, Block 'A', Floriana.

14. Applications will be received in the first instance by the Director, People Management and Support Services, Ministry for Resources and Infrastructure, Human Resources Branch, Block 'A', Floriana, by not later than noon of Friday 2nd February 2007.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax/telex* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq, jiġu kkunsidrati biss jekk ikollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura sa mhux aktar tard minn Ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment hu (+356) 21245593).

16. Tingħata riċevuta minnufih mid-Direttur, *People Management and Support Services*, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, għal kull applikazzjoni li titwassal fis-Sezzjoni għar-Riżorsi Umani, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura.

L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data ta' l-għeluq. Dawn l-applikazzjonijiet jiġu ċertifikati bil-miktub li ntlaqgħu mid-Direttur, *People Management and Support Services*, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, fi żmien sebat (7) ijiem.

17. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-30 ta' Jannar, 2007

15. Applications received from abroad through a fax/telex or other similar message by the closing date for applications may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Human Resources Branch of the Ministry for Resources and Infrastructure by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Human Resources Branch is (+356) 21245593).

16. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director, People Management and Support Services, Ministry for Resources and Infrastructure and a receipt given at the time of delivery.

Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director, People Management and Support Services, Ministry for Resources and Infrastructure within seven (7) days.

17. Late applications will not be considered.

30th January, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Senior Social Worker*
fid-Dipartiment tal-*Customer Services*
(Ħarsien tat-tfal u l-familja),
Ministeru għal Għawdex

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Senior Social Worker* fid-Dipartiment tal-*Customer Services*, Ministeru għal Għawdex.

2.1. Is-salarju ta' *Senior Social Worker* huwa ta' Lm 6,526 fis-sena jiżdied b'Lm209 kull sena sa massimu to Lm7,780 (Skala ta' Salarju 8).

2.2. Persuna fil-grad ta' *Senior Social Worker* titla' għal Skala ta' Salarju 7 wara sentejn servizz sodisfaċenti fil-grad.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time,* u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jirregolaw minn żmien għal żmien is-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u d-Dipartiment tal-*Customer Services* b'mod partikulari. Il-persuna maħtura tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4.1 Il-persuna maħtura fil-grad ta' *Senior Social Worker*

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Senior Social Worker in the
Department of Customer Services
(Child and Family Welfare),
Ministry for Gozo

The Public Service Commission invites applications for the post of Senior Social Worker at the Department of Customer Services, Ministry for Gozo.

2.1. The salary for the post of Senior Social Worker is Lm6,526 per annum rising by annual increments of Lm209 up to a maximum of Lm7,780 (Salary Scale 8).

2.2. A Senior Social Worker will proceed to Salary Scale 7 on completion of two years satisfactory service in the grade.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department of Customer Services in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4.1 A Senior Social worker will be a member of a unit

tagħmel parti minn *unit* li għandu r-responsabbiltà li jiżgura li servizzi ta' *Social Worker* jingħata lill-klijent, f'xi qasam speċifiku tas-servizzi mogħtija. Hija tipprovdi superviżjoni professjonali, konsultazzjoni u għajnuna lill-i*staff* li jifforma parti mill-*unit*, kif ukoll iżżomm il-kapaċità professjonali permezz ta' kuntatt kontinwu mal-klijenti f'numru limitat u speċifikat ta' każijiet b'riskju kbir.

4.2 Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Senior Social Worker* huma:

tkun responsabbli għall-qasam speċifiku ta' prattika li jitlob teknika avvanzata fil-prattika ta' *social work*;

issegwi mill-qrib l-*andament* ta' l-*istaff* skond għanijiet u livelli miftehma;

tkun obbligata tagħti rendikont ta' ħidma lill-organizzazzjoni;

tagħmel superviżjoni regolari fuq impjegati fil-qasam ta' *social work* permezz ta' laqgħat ippjanati, individwali u fi gruppi, u tiżgura li l-impjegati jassessjaw, jirrevedu u jiddeċiedu dwar klijenti skond il-ħtiġiet statutorji. Dan jinkludi t-tmexxija ta' konferenzi u laqgħat ta' rivista ta' każi;

tipprovdi konsulenza ta' kuljum lill-impjegati fuq materji professjonali u fejn hemm bżonn tieħu pariri speċjalizzati mingħand professjonisti oħra;

tagħti kontribut għall-iżvilupp ta' politika u pjanijiet ta' l-organizzazzjoni;

iżżomm ruħha u l-i*staff* aġġornati dwar żviluppi ġodda fil-prattika ta' *social work*;

tassisti fit-taħriġ u fl-introduzzjoni ta' *staff* ġdid;

tassessja il-bżonnijiet lokali u tiżgura li pjan ta' żvilupp dwar is-servizz jitwettaq fiż-żmien stipulat u skond il-parametri ta' l-i*standards* u *policies* nazzjonali;

tipparteċipa f'laqgħat mas-*senior staff*;

tevalwa l-impatt tas-servizz mogħti tat-taqsima li tmexxi u l-mod li bih is-servizz qiegħed itejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-klijenti;

tkompli xi forma limitata ta' kuntatt mal-klijenti biex iżżomm ruħha aġġornata kemm fil-prattika kif ukoll fit-teorija;

iżżomm *records* tal-każijiet, tħejji rapporti u xogħol ieħor bħal dan meħtieġ biex l-assistenza soċjali tingħata kif suppost.

5. L-applikanti għandhom:

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-

with responsibility for ensuring that social work service is provided to clients in a specific area of service delivery. He/She will provide professional supervision, consultation and support to social work staff falling within the unit, and also maintain his/her professional skills by continuing client contact with a limited selected number of high-risk cases.

4.2 The duties of a Senior Social Worker include the following:

responsibility for a specific area of practice requiring advanced techniques in Social Work intervention;

monitoring staff performance within agreed objectives and standards;

accountability to the organization;

supervision of social work staff by means of regular planned individual, and group sessions, ensuring that assessment, reviews and decisions about clients are effected by social work staff in accordance with statutory requirements. This will include the chairing of cases conferences and review meetings;

provision of day-to-day consultancy for social work staff on processional matters, where necessary drawing upon specialist advice from other professionals;

contributing to the development of the organisation's policies and plans;

keeping oneself and social work staff abreast new developments in social work practice;

assisting in the training and induction of new staff;

appraisal of local needs and ensuring that a service development plan is produced within the given time scale and within the parameters of the national standards and policies;

participating in senior staff meetings;

evaluating the impact of the service provided by one's unit of responsibility on the quality of life of clients;

continuation of some limited form of client contact in order to maintain practice skills and knowledge;

keeping of case records, preparation of reports and performance of other duties of a similar nature to ensure the smooth running of welfare services.

5. Applicants must:-

(a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions

dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) Ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(ċ) (i) Jew ikollhom kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni relatata ma' *Social Work*; jew

(ii) Ikunu *Social Workers* b'għaxar snin servizz sodisfaċenti fil-grad ta' *Social Worker* u/jew fil-gradi ta' qabel bħala *Registered* u/jew *Accredited Social Worker;*

(d) Ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizzi Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern Malti qabel u jagħtu d-dettalji).

6.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

6.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) Have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(c) (i) Either be in possession of a post-graduate qualification related to Social Work; or

(ii) Be Social Workers with ten years satisfactory service in the grade of Social Worker and/or in the previous grades of Registered and/or Accredited Social Worker;

(d) Be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Malta Government Service, giving details).

6.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

6.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

7.1. Bord ta' l-Għażla jintervista lill-applikanti biex jitqies min ikun adatta għall-post.

7.2. Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esibit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tal-*Customer Services*, Ministeru għal Għawdex.

7.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:
http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

